# KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

**Sommarju eżekuttiv tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri strutturali li jtejbu r-reżiljenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-UE u dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rappurtar u t-trasparenza fit-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli**

*(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq il-websajt tal-KEPD www.edps.europa.eu)*

(2014/C 328/03)

## 1. Introduzzjoni

1. Fid-29 ta' Jannar 2014, il-Kummissjoni adottat żewġ proposti dwar ir-regolament tas-sistema bankarja Ewropea: proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri strutturali li jtejbu r-reżiljenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-UE ("il-proposta dwar ir-reżiljenza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu") ([1]) u proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rappurtar u t-trasparenza tat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli ("il-proposta dwar it-trasparenza tal-SFTs") ([2]) Il-proposti jifformaw parti mis-sorveljanza wiesgħa tar-regolamentazzjoni finanzjarja u s-superviżjoni li daħlet għalihom l-UE sa mill-bidu nett tal-kriżi finanzjarja. Huma stipulaw regoli sabiex jipprevjenu lill-banek akbar u aktar kumplessi milli jinvolvu ruħhom f'negozjar proprjetarju, jagħtu lis-superviżuri s-setgħa li jitolbu lil dawk il-banek li jisseparaw ċerti attivitajiet kummerċjali potenzjalment riskjużi min-negozju tagħhom ta' teħid ta' depożiti u jżidu t-trasparenza ta' ċerti tranżazzjonijiet fis-settur bankarju parallel. Huma akkumpanjati minn valutazzjoni tal-impatt waħda u kienu adottati flimkien bħala pakkett.

2. Kull proposta tinvolvi l-ipproċessar ta' dejta personali, inkluża l-pubblikazzjoni tad-dettalji dwar l-individwi li kienu soġġetti għal sanzjonijiet għal ksur tar-regoli proposti. Għalhekk, hija ħasra li l-KEPD ma ġiex ikkonsultat qabel l-adozzjoni tal-proposti, kif mitlub mill-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 ([3]). Il-KEPD jirrikonoxxi l-għan leġittimu tal-politika pubblika wara dawn il-proposti u jilqa' l-fatt li huma previsti xi salvagwardji għall-protezzjoni tad-dejta. Madankollu, hemm diversi oqsma fejn hija meħtieġa attenzjoni akbar għad-drittijiet tal-individwu.

## 4. Konklużjoni

19. Il-KEPD bi pjaċir jinnota li fil-proposti ttieħed kont tal-aspetti tal-protezzjoni tad-dejta u jirrakkomanda l-integrazzjoni sħiħa tar-rispett għad-drittijiet tal-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta personali permezz tal-bidliet li ġejjin:

(a) l-inklużjoni ta' dispożizzjoni ġenerali għall-ipproċessar kollu tad-dejta personali skont ir-regolamenti proposti li għandhom ikunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE u fir-Regolament 45/2001;

(b) terminu massimu xieraq fil-proposta dwar it-trasparenza tal-SFTs għall-informazzjoni personali li għandha tinżamm mill-kontropartijiet tal-SFT;

(c) rigward id-dispożizzjonijiet li jidderogaw mill-obbligu għall-kunfidenzjalità u s-segretezza professjonali fil-proposta dwar it-trasparenza tal-SFTs, (i) kjarifika dwar jekk id-dejta personali taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-deroga jew le u, jekk iva, l-inklużjoni tad-dikjarazzjoni li dik id-dejta tista' tiġi pproċessata biss għal skopijiet kompatibbli u skont ir-regoli applikabbli tal-protezzjoni tad-dejta; (ii) kjarifika dwar jekk humiex previsti trasferimenti tad-dejta personali lejn pajjiżi terzi u, jekk iva, żid stqarrija li tali trasferiment jista' jsir biss skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw l-Artikoli 25 u 26 tad-Direttiva 95/46/KE;

([1]) COM(2014) 43 final.
([2]) COM(2014) 40 final.
([3]) Ara d-dokument ta' politika tal-KEPD: "Il-KEPD bħala konsulent għall-istituzzjonijiet tal-UE dwar il-politika u l-leġiżlazzjoni: nibnu fuq għaxar snin ta' esperjenza", l-4 ta' Ġunju 2014, disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-KEPD www.edps.europa.eu

(d) tiċċara li s-setgħa li tinħareġ twissija pubblika dwar l-individwi identifikati ma għandhiex tiġi eżerċitata b'mod awtomatiku iżda biss fuq bażi ta' każ b'każ, fejn ikun xieraq u proporzjonat;

(e) rigward id-dispożizzjonijiet għall-pubblikazzjoni tas-sanzjonijiet, (i) l-inklużjoni ta' rekwiżit fiż-żewġ regolamenti li jikkunsidra separatament kull każ u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu fuq il-bażi tan-neċessità u l-proporzjonalità qabel tittieħed kwalunkwe deċiżjoni li tiġi ppubblikata l-identità tal-persuna soġġetta għal sanzjoni, u (ii) speċifikazzjoni ta' perjodu massimu għaż-żamma tad-dejta personali ippubblikata bħala parti mill-informazzjoni dwar deċiżjonijiet ta' sanzjoni fuq is-siti elettronici tal-awtoritajiet kompetenti.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Lulju 2014.

Giovanni BUTTARELLI

*Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data*